MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 63/2005

Edward **KELLY** għan-nom u fl-interess tal-assenti Raymond Borġ kif awtorizżat bi prokura

vs

**B.F.C. LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Jannar, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (a) ssib li bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku magħmul bejnu u l-kumpannija mħarrka fit-28 ta' Ġunju, 2004, fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, din tal-aħħar biegħetlu, fost ġid immobbli ieħor, *parking space* numru sebgħa (7) tal-kejl muri fil-pjanta mehmuza bhala

Dokument "D"; (b) ssib li l-kumpannija mħarrka naqset mir-rabtiet kuntrattwali tagħha lejh meta, b'kejl differenti magħmul biż-żebgħa wara li kien ippubblikat il-kuntratt, tatu wisa' anqas minn dak li kien miftiehem; (ċ) tordna lill-kumpannija mħarrka biex, fiż-żmien qasir u perentorju li l-qorti jogħġobha tiffissa u taħt id-direzzjoni ta' perit maħtur, tiżbogħ l-art tal-*garage* f'kejl li jaqbel ma' dak li kien miftiehem li huwa kellu jingħata bħala *parking space*; u (d) tawtorizzah biex, f'każ li l-kumpannija mħarrka tonqos li tagħmel dak lilha ordnat u fiż-żmien lilha mogħti, jagħmel hu stess ix-xogħol meħtieġ taħt superviżjoni ta' perit maħtur u bi spejjeż għall-kumpannija mħarrka. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Frar, 2005, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur *nomine* dwar it-tressiq tal-provi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-7 ta' April, 2005, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet ma kinux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt billi hija biegħet lill-attur l-ispazju tal-parkeġġar hekk kif inżebgħu u ma kienx minnu li kien hemm ftehim għal kejl ta' spazju kif jippretendi l-attur. Fuq kollox, l-attur *nomine* ma ħarisx l-elementi mitluba mil-liġi biex iressaq kawża ta' spoll u għalhekk ukoll it-tieni talba tiegħu ma tistax tintlaqa';

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2005, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi ta' qabel is-seduta (*pretrial*) billi ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju tagħha l-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tirregola s-smigħ f'dak l-istadju;

Rat il-verbali u x-xhieda miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota mressqa minn Ursola Buġeja f'isem il-kumpannija mħarrka waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar, 2006[1], li biha stqarret l-ewwel tliet talbiet attriċi fid-dawl tan-Nota mressqa mill-partijiet flimkien waqt dik is-seduta;

---

[1] Dok "SC", f'paġ. 60 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-attur *nomine* waqt l-imsemmija seduta[2], li biha u fid-dawl tan-nota konġunta mressqa mill-partijiet ukoll dak inhar, ċeda r-raba' talba tiegħu;

Rat in-Nota mressqa miż-żewġ partijiet flimkien waqt l-imsemmija seduta[3] li biha irregolaw it-transazzjoni milħuqa bejniethom;

Rat il-verbal magħmul mill-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmija Seduta;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2006, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha li biha ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi min-noti mressqin mill-partijiet waqt li kien għaddej l-istadju tal-*pretrial* iż-żewġ naħat qablu li, fiż-żmien li kienet qiegħda miexja l-kawża, saru min-naħa tal-kumpannija mħarrka xi tibdiliet fil-marki li jindikaw il-kejl ta' wieħed mill-*parking spaces* li l-attur kien kiseb fil-kuntratt tat-28 ta' Ġunju, 2004[4]. Dawn it-tibdiliet kienu jaqblu ma' dak li kien miftiehem bejn il-kumpannija u l-attur;

Illi, minħabba f'hekk, il-kumpannija mħarrka stqarret uħud mit-talbiet tal-attur *nomine*, filwaqt li dan ċeda l-pretensjonijiet tiegħu dwar ir-raba' talba attriċi;

Illi għal dan il-każ jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1718, 1723(2), 1725, 1726 u 1729 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

[2] Dok "RZ1", f'paġ. 61 tal-proċess
[3] Dok "RZ", f'paġ. 59 tal-proċess
[4] Dok "Ċ", f'paġġ. 10 – 3 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet attriċi billi tagħti saħħa lill-ftehim milħuq bejn il-partijiet fil-kawża b'mod li:

**Tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi** fuq ammissjoni tal-kumpannija mħarrka;

**Tastjeni milli tqis iżjed ir-raba' talba attriċi** li l-attur *nomine* ċeda fid-dawl tal-ammissjoni tal-kumpannija mħarrka;

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief għad-dritt taxxat tal-avukat tal-attur *nomine*, liema dritt irid jitħallas mill-attur;

**Tqis** li l-partijiet jiddikjaraw li m'għandhom l-ebda pretenzjoni oħra fil-konfront ta' xulxin dwar din il-kwestjoni.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------